MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 187/2008

**Eurofreights Services Limited
C-25544**

**vs**

**Angelo Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat it-28 t'April tas-sena 2008 fejn tablet ir-revoka "contrario imperio" tad-digriet taghha datat is-27 ta' Marzu tas-sena 2008, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata s-7 ta' Mejju tas-sena 2008 li permezz taghha l-intimat talab li din il-qorti joghogobha tichad it-talba fuq riferita tas-socjeta` rikorrenti;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi naxxenti minn procedura ohra mehuda quddiem l-istess qorti diversament preseduta fejn jirrizulta s-segwenti:

1. Illi wara vertenza bejn il-partijiet din il-qorti diversament preseduta ippronunzjat sentenza datata l-4 ta' Frar tas-sena 2008 a bazi ta' kontumacja tas-socjeta` rikorrenti f'din il-procedura;

2. Illi munit b'din id-decizjoni, l-attur ghadda biex jesegwixxi l-istess sentenza permezz ta' mandat ta' sekwestru datat is-6 ta' Marzu tas-sena 2008 li gie regolarment akkordat fl-14 ta' l-istess xahar;

3. Illi skond it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legal ital-partijiet il-vertenza bejn il-partijiet zviluppat kif gej:

i. Illi s-socjeta` konvenuta kontumaci pprezentat talba ghal ritrattazzjoni regolarment kawtelata;

ii. Illi in oltre iddepozitat ukoll l-ammont involut fil-meritu tal-procedura fir-registru ta' din il-qorti;

iii. Illi pero` l-intimat odjern jinsisti fid-drittijiet tieghu u qieghed hawn jitlob il-konferma ta' sekwestru fuq ammont gia` depozitat fir-registru ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-meritu veru u proprju bejn il-partijiet rega' qieghed jigi ezaminat gudizzjarjament;

Illi l-intimat f'din il-procedura xorta wahda ghandu l-posizzjoni tieghu kawtelata permezz tad-depozitu fuq riferit u m'ghandux ghalfejn jitlob li jimita lil Shylock biex jittutela l-posizzjoni tieghu;

Illi l-posizzjoni tal-intimat hi debitament kawtelata anke fl-assenza ta' din il-procedura;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji t-talba tar-rikorrent, tichad it-talbiet ta' l-intimat u tirrevoka "contrario imperio" d-digriet taghha tas-27 ta' Marzu tas-sena 2008, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------